# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Kumpilazzjoni Nru.: 395/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Natal Fava**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Natal Fava li għandu n-numru tal-karta tal-Identita` bin-numri 29959(G) li permezz tagħha ġie akkuzat li:

1. Talli f'dawn il-Gżejjer nhar is-26 ta' Mejju, 2018, għal ħabta tad-disgħa u nofs ta' filghaxija (09:30pm) ġewwa Sylvana, Flat 1, Triq in-Naxxar, San Ġwann u/jew fil-viċinanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiża ta` natura ħafifa fuq il-persuna ta' Larisa Liubimova u bintha Arina Kochneva;
2. Akkużat talli rrenda ruħu reċediv taħt l-artikolu 49 u 50 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta issa saru definittivi u m jistawx jiġu mibdula.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semgħet ix-xhieda prodotta;

Semgħet lill-parte civile tiddikjara li kienet qiegħda titlob li ma tixhiedx kontra żewġha, kif ukoll talbet li ai termini tal-artikolu 543 (e) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti jogħġobha li tordna li l-proċeduri kontra l-imputat jieqfu f'dan l-istadju.

*DECIDE:*

Għaldaqsant il-Qorti, wara li staqsiet fid-dettal u stħarrġet ukoll kemm lil Larissa Liubimova kif ukoll lil Arina Kochneva dwar it-tweġibiet tagħhom u ppruvat tara kemm u sa fejn dawn it-talbiet tagħhom kienu qed isiru b'rieda ħielsa, mingħajr biża' ta' theddid, wegħdi jew promessi, qieset li l-istess parte ciivle kienu insistenti u konsistenti fit-talbiet tagħhom u dan b'mod partikolari fid-dawl ta' riavviċinament mistqarr seduta stante bejn il-parte civile u l-imputat.

Għalhekk wara li l-Qorti ħadet konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelanti u wara li qieset it-talbiet tagħhom, tordna li dawn il-proċeduri jieqfu f'dan l-istadju.

***Mogħtija illum 7 ta' Marzu, 2019 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***